MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 103/2003

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha George Bezzina sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess George Bezzina u b'nota ta' l-20 ta' Ottubru, 2003, is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited (C 3143) assumiet id-drittijiet u l-obbligi kollha f'Malta tas-socjeta' assikurattrici estera CGU Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha George Bezzina [ID: 406050 (M)] sija bil-polza u sija bil-ligi u assumiet l-atti kollha tal-kawza odjerna bhala attur minflok is-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' assikurattrici estera CGU Insurance plc**

**vs**

**Christopher Cilia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fl-14 ta’ Frar, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta’ erbat elef, erba’ mija u hdax-il lira u hamsin centezmi (Lm4,411.50) rapprezentanti danni kkagunati f’incident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta’ Awissu, 2002, go Valley Road, Birkirkara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBA 643 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ALX 004 misjuqa minn Alex Bezzina u proprjeta’ ta’ l-assikurat tas-socjeta’ attrici, George Bezzina, liema ncident sehh unikament tort tieghu, minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta’ osservanza ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz tas-smiegh kontra s-socjeta’ assikurattrici tieghu, kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Dicembru, 2002, u bl-imghaxijiet mill-11 ta’ Dicembru, 2002 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici billi l-kollizzjoni tat-28 ta’ Awissu, 2002, meritu ta’ din il-kawza, grat minghajr htija jew nuqqas tal-konvenut, izda biss minhabba t-tort u t-traskuragni tas-sewwieq tal-vettura assikurata mis-socjeta’ attrici Alex Bezzina.

2. Illi skond ma gie riferit mill-eccipjent mill-kumpanija assikurattrici tieghu, d-danni pretizi mis-socjeta’ attrici huma ezagerati.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fit-28 ta’ Awissu, 2002 go Valley Road, Birkirkara bejn Ford Transit BBA 643 misjuq mill-konvenut u Citroen Saxo bin-numru ALX 004 proprjeta’ ta’ George Bezzina izda misjuqa mit-tifel tieghu Alex. L-incident gara bejn wiehed u iehor quddiem il-*clinic Blue Cross go Valley Road.*

Alex Bezzina s-sewwieq tal-karozza Saxo ALX 004 xehed illi dak il-hin ta’ l-incident kien qed isuq go Valley Road u quddiemu ra van transit bl-indicator tal-lemin mixghul jigbed ghan-nofs tat-triq. Peress illi quddiemu kien hemm spazju bizzejjed biex ighaddi, baqa’ ghaddej dritt izda ezatt kif ghadda, t-transit gibed lejn ix-xellug, sab lil Bezzina quddiemu, tah daqqa fuq il-bumper ta’ wara u bit-tfixkila Bezzina tilef il-kontroll u baqa’ diehel fuq arblu tad-dawl. Qal li kienet aktar l-imbottatura minn naha tat-Transit illi gieghelitu jispicca ma’ dan l-arblu.

Philip Zammit li huwa s-*surveyor* illi ra din l-ahhar vettura ddikjaraha bhala *“beyond economical repair.”* Gew esebiti sensiela ta’ ritratti fejn juru l-hsarat estensivi li sofriet din il-karozza wara li habtet ma’ l-arblu.

Il-konvenut Cilia a fol 29 ighid li ried imur lejn il-*Blue Cross Clinic* fuq in-naha tal-lemin tat-triq, izda peress li ra li ma kienx hemm *parking spaces* waqaf faccata tal-Blue Cross, xeghel l-indicator lejn ix-xellug, hares fit-tlett mirja, ma ra lil hadd u beda jsuq. Huwa u jikser jara *bumper* itir u karozza tispicca go arblu tad-dawl. Ighid testwalment a fol 31 *“peress illi jiena kont daqsxejn imxaqleb lejn ix-xellug, ma stajtx nara sew, pero’ bqajt miexi bil-mod kemm niccaqlaq. Is-sewwieq l-iehor kien ghaddej b’velocita’ tant qawwija li l-mera lanqas qabditu. Jiena cert li meta harist lejn il-mirja fit-tlieta li huma karozzi warajja ma rajtx.”* Ghal dawk li huma d-danni Hugh Zammit *Senior Claims Manager* mas-socjeta’ attrici

permezz ta’ nota a fol 14 ghamel il-prova ta’ l-assikurazzjoni, esebixxa l-ircevuti tal-flejjes kollha li nhalsu lill-assikurat taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ssib x’ticcensura fl-operat tal-konvenut. Hu probabbli illi kif xehed Alex Bezzina l-konvenut originarjament ried idur lejn il-lemin fid-direzzjoni tal-*Blue Cross Clinic* fejn ried imur. Meta ra li ma kienx hemm *parking*, gibed lejn ix-xellug biex b’hekk sab lil Bezzina quddiemu.

Anke jekk il-Qorti tiskarta l-operat ta’ Bezzina u tiehu in konsiderazzjoni biss ix-xhieda tal-konvenut, issib illi dina fiha hafna x’ticcensura.
Fost affarijiet ohra jghid li huwa xeghel l-*indicator*, hares fil-mirja u ma ra lil hadd. Il-Qorti jidhrilha illi dina hija dikjarazzjoni ta’ awtokolpevolezza peress illi ma jistax ikun illi sewwieq ihares fil-mirja meta jkun hemm karozza vicin tieghu u ma jarahiex! Mhuwiex verosimili li kien hemm xi sewqan esagerat da parti ta’ Bezzina. Dana bl-ebda mod ma rrizulta. Barra minn hekk irrizulta mix-xhieda tieghu illi l-konvenut kien konsapevoli li mhux qed jara sew. Madankollu baqa’ miexi xorta wahda. Il-Qorti jidhrilha illi hawn il-konvenut naqas sew.

F’kawza fl-ismijiet <u>Elmo Insurance Agency vs David Delicata</u> deciza minn din il-Qorti kif preseduta fit-28 ta’ Jannar, 2002 il-Qorti kellha okkazzjoni tikkummenta dwar l-uzu ta’ l-*indicato*r u qalet li dana mhux bizzejjed biex jassigura xi drittijiet u obbligi minn naha tas-sewwieq. L-*indicator* huwa biss wiehed mill-mizuri li sewwieq ghandu jiehu imma ghandu wkoll jassigura li dan il-messagg ikun wasal ghand is-sewwieqa l-ohra. (ara wkoll <u>Anthony Busuttil vs Victor Grima</u> Prim Awla deciza fl-24 ta’ April, 1996).

*Ex admissis* il-konvenut ma assigurax ruhu li l-messagg li ried iwassal ghat-tibdil tad-direzzjoni tieghu gie miftiehem mis-sewwieqa li kienu warajh, bhalma lanqas hu bizzejjed u skuzanti li tghid li thares fil-mera u ma tara lil hadd. Dina

tfisser li jew ma hares xejn jew inkella ma harisx sew. Jekk il-konvenut kellu xi dubbju b'dak li kien qed jigri warajh allura ma messhux kompla bit-triq tieghu qabel ma assigura ruhu li dan setgha jaghmlu minghajr il-perikolu ghalih u ghall-utenti l-ohra tat-triq. Mhijiex skuza li baqa' miexi bil-mod kemm kemm jiccaqlaq. Jekk dehrlu li kellu xi *blind spot,* messu assigura ruhu li dak il-*blind spot* jigi sorvelat qabel ma jkompli bit-triq tieghu. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li l-versjoni moghtija minn Alex Bezzina hija aktar verosimili minn dik moghtija mill-konvenut li wera nuqqas ta' apprezzament lejn ir-regolamenti tat-triq u certa negligenza li kienu l-fatturi kontributorji principali ghal dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi. Tiddikjara lill-konvenut Christopher Cilia unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-28 ta' Awissu, 2002, go Valley Road, Birkirkara bejn il-Ford Transit BBA 643 misjuqa mill-konvenut u l-karozza ALX 004 misjuqa minn Alex Bezzina u dana minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont erbat elef, erba' mija u hdax-il lira u hamsin centezmi (Lm4,411.50) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont likwidat lill-atturi.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------